Ref: 27/6/194/13

KUNSILL LOKALI PAOLA

Casal Paola, Ġnien Pawlu Boffa, Triq il-Knsija,
Paola PLA1075 - Malta
Tel: 21664066 Fax: 216635666

**Minuti tal-Laqgha Nru. 27 tas-Sitt Legislatura**

Il-Kunsill ltaqa' fl-ufficini amministrattivi, fi Gnien Pawlu Boffa, Triq il-Knisja, Paola nhar it-Tlieta 29 ta' Ottubru 2013. Il-laqgha bdiet fil-5.30pm. Ghal-laqgha kienu prezenti s-Sindku Roderick Spiteri, il-Kunsillier Steve Axisa, il-Kunsillier Bernard Sean Lynch, il-Kunsillier Tyrone Muscat u l-Kunsilliera Rita Delezio.

Il-Vici-Sindku Dominic Grima w il-Kunsillier Ray Attard kienu skuzati. Il-membri tal-Kunsill accettaw li jkunu skuzati fuq ragunijiet personali.

Kien hemm prezenti wkoll l-*Acting Secretary* Kevin Borg u l-iskrivana Alison Panzavecchia.

**1) Minuti**

**Minuti tal-Laqgha Nru .26 tas-Sitt Legislatura**

**Materji Konnessi**

1.1 - Re: Item 1.3 – Il-Kunsillier Lynch staqsa dwar il-wi-fi. Is-Sindku qal li fi Pjazza Antoine De Paule hemm free *wi-fi* u li ser ikollu meeting dwar l-upgrade tal-wi-fi fi Gnien Pawlu Boffa.

1.2 – Re: Item 2.5 – Is-Sindku qal li kellem lil avukat tal-Kunsill u ssuggerixxa li forsi jsir kuntratt mal-baned. Is-Segretarju qal li dan ma jistax isir.

1.3 – Re: Item 4.1 – Il-Kunsilliera Delezio staqsiet meta ser tibda l-iskema Live Streaming. Is-Sindku qal li ghadna fil-process biex isir dan.

1.4 – Is-Sindku qal li l-*EU Projects Co-Ordinator* Dr.Malcolm Borg issuggerixxa li l-Kunsill Lokali Paola jidhol fil-*Convenant of Mayors* minhabba *Energy Efficiency*. Wara diskussjoni, il-membri prezenti qabblu li l-Kunsill ghandu jkun parti mill-*Convenant of Mayors.*

**Korrezzjonijiet**

1.5 – Ser jizdied item 2.5.1 – "Il-Kunsillier Axisa ssuggerixxa li jsir *board* biex jivverifika u jiggustifika dan l-infiq".

1.6 – Item 3.1 – triq tinbidel il-kelma €50.00 kull **siegha extra** minflok kull darba.

1.7 - Ser jizdied item 3.1.1 – "Il-Kunsillier Axisa qal li dan iqisu bhala investiment".

1.8 – Dawn il-Minuti gew approvati nem.com

2) **Korrispondenza**

2.1 – Ittra mill-Ghaqda Muzikali Socjali Kristu Re – Is-Sur Caruana baghat ittra biex l-ghaqda jikru s-sala tal-kunsill biex ssir attivita' ta' *fund raising*, serata maltija nhar is-Sibt 9 ta' Novembru 2013. Wara diskussjoni, gie deciz li s-sala tal-Kunsill ma tinkeriex.

2.2 – Ittra mid-DKL dwar Memo 26/2013 – Ambaxxatur fil-Kunsilli Lokali – Is-Sur Frendo baghat korrispondenza biex il-kunsill lokali jahtar zaghzugh/a halli jkun ambaxxatur jew ambaxxattrici tal-Vot 16 fil-lokalita'. Is-Sindku u l-Kunsillier Axisa pproponew lis-Sur Neil Joseph Tirchett biex ikun l-ambaxxatur ta' Paola peress li hu huwa parti mill-kunsill taz-zghazagh. Wara diskussjoni, il-membri prezenti qabblu ma' dan.

2.3 – Ittra minn Circus Events – Is-Sur Silvio Zammit baghat ittra fejn qed jitlob permess biex mis-6 ta' Dicembru 2013 sal-5 ta' Dicembru 2014 jintrama' c-cirku fl-area ta' hdejn ic-Cimiterju tal-Addolorata. Wara diskussjoni, il-membri ma approvawx.

2.4 – Ittra minn Tennis Club Kordin - Is-Segretarju, is-Sur Mifsud kiteb ittra fejn talab lil kunsill ghall-ghajnuna ta' bankijiet tal-injam. Wara diskussjoni, il-membri ma approvawx.

2.5 – Ittra mis-Sur Frans Mifsud – Is-Sur Mifsud kiteb ittra lil Kunsill fejn informah li hu ufficjalment kolletur tal-Hamiem u li hu awtorizzat mid-dipartiment tal-Izvilupp Rurali u l-Akwakultura u li joffri dan is-servizz.

2.6 – Ittra mill-MEPA dwar PA/01822/12 – Is-Segretarja, is-Sinjura Dorianne Ciantar baghtet ittra fejn qed tinforma lil Kunsill li s-smiegh tal-appell nru 00401/12 ser isir nhar il-Hamis 31 ta' Ottubru 2013 fit-2.45pm.

2.7 – Ittra mill-Ministeru ghat-Trasport u l-Infrastruttura – Is-Segretarju Permanenti, is-Sur Joseph M.Callus baghat ittra lill-kunsill fejn qed jinformah li l-lokalita' ta' Paola ntghazlet bhala post ghal *LIFE + funded DemoEV project on electric vehicles*.

2.8 – Ittra minn *RISe* – Is-Segretarju, is-Sur Silvio Catania baghat ittra lill-kunsill fejn qed jitlob permess biex issir Car Wash nhar is-Sibt 9 ta' Novembru 2013 u nhar il-Hadd 10 ta' Novembru 2013. Il-membri approvaw.

2.9 – Kaz Untours – Is-Segretarju nforma lil kunsill li nhar il-Gimgha 8 ta' Novembru 2103 fin-12.30pm, il-Kunsill Lokali ghandu l-qorti ma' Untours Travel Ltd.

2.10 – Saret diskussjoni biex tigi *updated* l-*website* tal-kunsill Lokali Paola.

2.11 – Ittra mid-DKL dwar Memo 25/2013 – Skema Dwar Inizjattivi Ta' Attivitajiet 2013-2014 – Is-Sindku qal li ser napplikaw ghal dawn l-attivitajiet.

2.12 – Ittra minn Micallef Stafrace Advocates – Dr.Simon Micallef Stafrace baghat ittra f'isem Untours Agency Ltd biex il-kunsill jindikalu Triq St.Ubaldeska u Triq l-Arkata humiex toroq principali jew sekondarji. Is-Segretarju qal li din l-informazzjoni tista' tingieb biss minn TM u ghaldaqstant ser nibghatulhom ittra fejn ninformawhom b'dan.

3) **PPP Progress**

3.1 – Is-Sindku qal li ghada l-Erbgha 30 ta' Ottubru 2013, ser jibda x-xxoghol fi Triq Inverness.

4) ***School Traffic and Safety around Paola***

4.1 – Is-Sindku ssuggerixxa li jsiru bollards tal-plastic fi Triq Guze D'Amato fil-hinjiet tal-iskola u li dawn jibdew isiru wkoll min-naha tal-Kunsill Lokali.

5) ***Expropriation of land for Kordin Solar Farms***

5.1 – Is-Sindku qal li bdew isiru diskussjonijiet mal-Ministeru koncernat dwar dan.

6) ***Upgrading of part of Gnien Wied Blandun (UIF Funds) discussion***

6.1 – Saret diskussjoni biex jigi upgraded Gnien Wied Blandun. Is-sindku qal li ser ikellem lil Perit tal-Kunsill dwar dan.

7) ***Upgrading Gnien San Alwigi***

7.1 – Is-Sindku qal li ser jittella' cint u ser isir xi tindif iehor b'budget ta' €1000.

8) ***Expression of Interest – Pjazza Wall and Vending Machines (discussion)***

8.1 – Is-Sindku ssuggerixxa li fi pjazza Antoine de Paule mal-hajt tal-Habs fejn isiru r-reklami jsir *digital advertising screen*, u mir-reklami jixtieq li jkollhom persentagg kemm il-Kunsill Lokali kif ukoll il-Habs Civili.

8.2 – Is-Sindku ppropona wkoll li tohrog *expression of interest ghal vending machines*, wahda hdejn il-*public convenience* tac-Cimiterju tal-Addolorata u ohra fi Gnien Pawlu Boffa.

9) **Skeda ta' Pagamenti**

9.1 - Is-Segretarju ressaq il-lista tal-pagamenti ghall-approvazzjoni tal-Kunsill ghas-somma ta' €59,646.31

9.2 – Il-membri approvaw.

9.3 – Is-Segretarju nforma lill-kunsill li cekk nru 5434 u cekk nru 5435 li kienu fil-lista tal-pagamenti tal-laqgha ta' qabel gew kkancellati.

9.4 – ***Quarterly Financial Report*** – Is-Segretarju pprezenta l-*quarterly financial report*. Il-membri prezenti approvaw.

9.5 - Il-Kunsilliera Delezio qalet li xi persuni kellmuha dwar l-istands tal-fjuri.

9.6 – Il-Kunsilliera Delezio staqsiet ukoll dwar is-sejha tal-clerk. Hi kompliet tghid li l-funtana ta' St.Ubaldeska mhux qed tahdem.

9.7 – Saret diskussjoni biex jinxtara generator.

9.8 - Il-Kunsillier Muscat qal li qed nistennew il-quotation tal-istatwa tal-Madonna tad-Duluri li ser issir hdejn ic-Cimiterju tal-Addolorata.

9.9 – Il-Kunsillier Muscat staqsa meta ser isir il-monument fi Gnien Pawlu Boffa. Hu kompla jghid li ser jaghmel ricerka fuq l-irhama li kien hawn fi Gnien Pawlu Boffa.

9.10 – Il-Kunsillier Lynch qal li l-Party tal-Milied ghall-Anzjani ser isir nhar il-Hamis 12 ta' Dicembru 2013 fil-5.30pm fil-*Palace Ballroom* u li l-Party tat-tfal ser isir nhar il-Gimgha 13 ta' Dicembru 2013. Aktar dettalji ser jinghataw fl-laqgha ohra.

9.11 – Il-Kunsillier Muscat ssuggerixxa li ghall-party tat-tfal jigu mistednin it-tfal kollha li hemm fl-istitut *St.Rita' s Home*, Hal Tarxien. Il-membri prezenti qabblu ma' dan.

10) **Aggornament**

10.1 - Il-Laqgha giet maghluqa fit-8.00pm u aggornata ghal nhar l-Erbgha 4 ta' Dicembru 2013 fil-5.30pm.

Approvati llum 4/12/13

Kevin Borg

*Acting Secretary*

Roderick Spiteri

Sindku